Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Diċembru 2017**
**(OR. en)**

**15748/17**

**CYBER 215**
**TELECOM 362**
**ENFOPOL 618**
**JAI 1206**
**MI 959**
**COSI 333**
**JAIEX 117**
**RELEX 1122**
**IND 377**
**CSDP/PSDC 720**
**COPS 400**
**POLMIL 167**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 12 ta' Diċembru 2017 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 14435/17 + COR 1 |
| Suġġett: | Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE<br>- Pjan ta' Azzjoni (12 ta' Diċembru 2017) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibernetika b'saħħitha għall-UE, adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fit-12 ta' Diċembru 2017.

**ANNESS**

Dan il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-"Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE" huwa dokument fuq livell strateġiku li rriżulta mill-kompitu mogħti mill-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2017 u l-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2017. Kif indikat f'dawk il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2017, il-Pjan ta' Azzjoni hu dokument ħaj u bħala tali ser jiġi rieżaminat u aġġornat regolarment mill-Kunsill. Hu previst bħala għodda għal sorveljanza orizzontali u segwitu strateġiku tal-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-azzjonijiet deskritti hawn taħt.

| **Azzjoni**[1] | **Mexxej / primarjament responsabbli** | **Partijiet ikkonċernati u/jew Partijiet oħrajn involuti** | **Data ta' għeluq** | **Progress** | **Noti/Kummenti** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Żgurar ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni sħaħ u effettivi tad-Direttiva NIS** | | | | | |
| Traspożizzjoni u implimentazzjoni tad-Direttiva NIS | Stati Membri; Kummissjoni Ewropea | | Mejju 2018 | Deskrizzjoni fil-qosor tal-progress mill-Kummissjoni u diskussjoni dwaru fil-Grupp ta’ Kooperazzjoni | |
| Żgurar ta' kooperazzjoni strateġika effettiva bejn l-Istati Membri fil-Grupp ta’ Kooperazzjoni | Stati Membri / Presidenza tal-Kunsill | Kummissjoni Ewropea, ENISA | | Deskrizzjoni fil-qosor tal-progress fir-rapport regolari tal-Grupp ta’ Kooperazzjoni | Il-ħidma tal-Grupp ta’ Kooperazzjoni imfassla f’aktar dettall fil-programm ta’ ħidma biennali tal-Grupp |

[1] Fejn rilevanti, l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tqis ir-riżorsi fil-QFP.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kisba ta' kapaċità operazzjonali sħiħa tan-Netwerk tas-CSIRTs | Stati Membri / Presidenza tal-Kunsill | ENISA, Kummissjoni Ewropea | | Deskrizzjoni fil-qosor tal-progress li jkun sar fir-rapport regolari tan-Netwerk lill-Grupp ta' Kooperazzjoni | |
| **Tisħiħ tar-rispons fil-livell tal-UE għal ċiberinċidenti fuq skala kbira billi jsiru eżerċizzji pan-Ewropej regolari ta' ċibersigurtà** | | | | | |
| It-twettiq ta' eżerċizzji ta' ċiberdiplomazija dwar l-użu tal-Qafas Diplomatiku Konġunt kontra attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi | SEAE | Stati Membri, Kummissjoni Ewropea u ENISA | | Presidenzi suċċessivi tal-Kunsill, id-diskussjonijiet dwar l-eżerċitar tal-Qafas bdew waqt il-Presidenza EE | |
| Twettiq ta' eżerċizzji regolari ta' CYBER EUROPE | Il-Presidenza flimkien mal-Istati Membri | Stati Membri, inkluż in-Netwerk tas-CSIRTs, ENISA, SEAE, Kummissjoni Ewropea | | | Frekwenza fformulata fl-għoti ta' kompiti fil-mandat tal-ENISA u matul id-diskussjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija tal-ENISA |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Twettaq ta' eżerċizzji ta' ċibersigurtà strateġiċi regolari fil-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill | Presidenza | appoġġata mis-SEAE u/jew mill-Kummissjoni Ewropea | | EU CYBRID 2017 jitwettaq taħt il-Presidenza EE għall-KAĠ(D) | Regolarità definita mill-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill |
| **Adozzjoni mill-koleġislaturi tar-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-ENISA, "l-Aġenzija għaċ-Ċibersigurtà tal-UE" u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013, u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni ("l-Att taċ-Ċibersigurtà")**[2] | | | | | |
| It-twettiq ta' diskussjonijiet fil-fond tal-proposta leġislattiva fl-HWP biex jintlaħaq Approċċ Ġenerali | Presidenza BG | | Ġunju 2018 | Eżami tal-Proposta mwettaq mill-Presidenza EE | |
| Finalizzazzjoni tan-negozjati bejn il-koleġislaturi | Presidenza AT | | Diċembru 2018 | | Data ta' għeluq indikattiva |

2 L-implimentazzjoni ssir mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Parlament Ewropew.

| Stabbiliment tan-Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza dwar iċ-Ċibersigurtà (NCCC) b'Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Kompetenza dwar iċ-Ċibersigurtà | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| It-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt u previżjoni bağitarja u l-istrumenti legali rilevanti għall-istabbiliment tan-Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza dwar iċ-Ċibersigurtà (NCCC) b'Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Kompetenza dwar iċ-Ċibersigurtà | Kummissjoni Ewropea | Stati Membri, SEAE, EDA | Ġunju 2018 | | Passi oħrajn fuq l-istrumenti li nħolqu li għandhom jiġu deċiżi mill-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill |
| Tnedija ta' fażi pilota fil-qafas ta' Orizzont 2020 | Kummissjoni Ewropea | Stati Membri, il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS | tmiem l-2018/bidu tal-2019 | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| L-iżvilupp ta' kapaċità Ewropea għall-evalwazzjoni tas-saħħa tal-kriptografija użata fil-prodotti u s-servizzi disponibbli għaċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet fis-Suq Uniku Diġitali | Stati Membri | | 2019 | | |
| **Żgurar ta' finanzjament suffiċjenti biex jingħata appoġġ għall-bini taċ-ċiberreżiljenza u ċ-ċibersigurtà u sforzi ta' riċerka u żvilupp madwar l-UE** | | | | | |
| Żgurar ta' finanzjament suffiċjenti għaċ-ċibersigurtà, filwaqt li jiġu rispettati r-riżorsi disponibbli | Stati Membri, il-Kummissjoni Ewropea | | 2020 | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Tisħiħ tal-kontribuzzjonijiet tas-settur pubbliku biex tinbena ċ-ċiberreżiljenza u jissaħħu l-isforzi ta' riċerka u żvilupp fiċ-ċibersigurtà | Stati Membri | | 2020 | | |
| Għoti ta' inċentivi għall-investimenti fis-settur privat biex tinbena ċ-ċiberreżiljenza u jissaħħu l-isforzi ta' riċerka u żvilupp fiċ-ċibersigurtà | Kummissjoni Ewropea | appoġġata minn ECSO | 2018 | | |
| Żieda fl-investimenti fl-applikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġiji ġodda | Kummissjoni Ewropea, Stati Membri | appoġġata minn ECSO | 2020 | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Eżaminazzjoni ta' proposta possibbli għall-istabbiliment ta' Fond għar-Rispons ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà | Kunsill[3] | | | | Kull kunsiderazzjoni ssir biss jekk tiġi ppreżentata proposta mill-Kummissjoni Ewropea |
| Jinżammu fondi suffiċjenti għall-isforzi taċ-ċibersigurtà fi ħdan l-istrumenti eżistenti u l-programmi maqbula | Stati Membri, Kummissjoni Ewropea | BEI | 2020 | | |

[3] Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Parlament Ewropew kif adegwat.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Għoti ta' servizzi taċ-ċibersigurtà kredibbli, affidabbli u kkoordinati u l-governanza tagħhom għall-istituzzjonijiet tal-UE** | | | | | |
| Kjarifika u armonizzazzjoni tal-governanza taċ-ċibersigurtà tal-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-Aġenziji tal-UE | Kunsill, Kummissjoni Ewropea u s-SEAE | Istituzzjonijiet, korpi u Aġenziji tal-UE | 2020 | Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-HWP Cyber dwar il-governanza u l-progress li sar fiha | |
| L-iżgurar ta' riżorsi u appoġġ adegwati għall-iżvilupp ta' CERT-EU | Istituzzjonijiet, korpi u Aġenziji tal-UE | | 2020 | CERT-EU jirrapporta regolarment lil HWP Cyber dwar it-theddid ċibernetiku għall-kostitwenza tiegħu.<br>Ir-riżorsi ta' CERT-EU jistgħu jiżdiedu fid-diskussjonijiet rilevanti tal-HWP Cyber | |
| **Żieda fl-enfasi fuq is-sensibilizzazzjoni ċibernetika, il-ħiliet diġitali, l-edukazzjoni u t-taħriġ** | | | | | |
| Tisħiħ tal-kampanji għas-sensibilizzazzjoni ċibernetika fl-Istati Membri | Stati Membri | ENISA | 2020 | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Tisħiħ taċ-ċibersigurtà fil-kurrikuli tal-programmi ta’ taħriġ akkademiċi, edukattivi u vokazzjonali | Stati Membri | Kummissjoni Ewropea, ECSO | 2020 | Progress segwit mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea | |
| Stabbiliment ta’ netwerk ta’ punti ta’ kuntatt (POCs) tal-edukazzjoni | Stati Membri | ENISA | 2020 | | |
| Integrazzjoni u tisħiħ tal-programmi taċ-ċibersigurtà għat-traineeships | Stati Membri | Kummissjoni Ewropea, ECSO | 2020 | | |
| Għoti ta' sensibilizzazzjoni relatata maċ-ċibersigurtà fl-amministrazzjoni pubblika li tipparteċipa f'attivitajiet ekonomiċi u tas-soċjetà kritiċi | Stati Membri | | 2020 | Impenn għal Iġjene Ċibernetika ffirmata minn sitt Stati Membri, is-SEAE u l-EDA f’Mejju 2015 | |

| **Tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-UE għall-prevenzjoni, id-deterrenza u l-identifikazzjoni għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi u r-rispons għalihom** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Integrazzjoni taċ-ċibersigurtà fil-mekkaniżmi eżistenti tal-ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-UE | Kummissjoni Ewropea, Kunsill | SEAE, Aġenziji tal-UE | 2018 | | |
| Indirizzar adegwat ta' rispons għal inċidenti taċ-ċibersigurtà fil-mekkaniżmi ta' Ġestjoni Nazzjonali tal-Kriżijiet kif ukoll l-għoti tal-proċeduri meħtieġa għall-kooperazzjoni fil-livell tal-UE | Stati Membri | | 2018 | | |
| Aġġornament tal-Qafas ta' Politika għaċ-Ċiberdifiża tal-UE | Stati Membri, SEAE, EDA, Kummissjoni Ewropea | | 2018 | | |
| Inkoraġġiment tal-kooperazzjoni bejn komunitajiet tar-rispons għal ċiberinċidenti ċivili u militari | Stati Membri | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Id-dħul fis-seħħ ta' pjattaforma ta' taħriġ u edukazzjoni fil-qasam taċ-ċiberdifiża | Kummissjoni Ewropea | SEAE, EDA, ESDC | tmiem l-2018 | | |
| Jittieħed vantaġġ sħiħ mill-inizjattivi proposti dwar id-difiża biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża tal-UE | Stati Membri | SEAE, EDA, Kummissjoni Ewropea | | | Il-proġetti taċ-ċiberdifiża jistgħu jiġu żviluppati permezz tal-PESCO, jekk jitqies li huwa meħtieġ mill-Istati Membri parteċipanti fil-PESCO. Il-FEŻ jista' jiffinanzja proġetti ċibernetiċi jekk ikun previst fil-programmi ta' ħidma |

| Tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità u t-tneħħija ta' ostakli għal ġustizzja kriminali effettiva fiċ-ċiberspazju | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| L-iżvilupp ta' pjan direzzjonali biex jiġġieled kontra l-kriminalità li qed tevolvi fid-Dark Web | Europol | Stati Membri | bidu tal-2018 | Pjan direzzjonali li għandu jiġi approvat u l-implimentazzjoni ssorveljata minn COSI | |
| Implimentazzjoni ta' miżuri prattiċi proposti mill-Kummissjoni biex tiġi indirizzata l-isfida tal-kriptaġġ fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. | Kummissjoni Ewropea | Stati Membri, Europol | għadu għaddej | Progress issorveljat minn CATS | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Titjib tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji biex tiġi investigata u u ssir prosekuzzjoni kontra l-kriminalità | Stati Membri | Kummissjoni Ewropea | | Progress issorveljat minn COSI, kodiċi ta' kondotta volontarji ma' Fornituri tal-Aċċess għall-Internet għandhom jiġu proposti biex jiġi limitat l-għadd ta' abbonati wara kull IPv4 billi jintużaw teknoloġiji alternattivi għal Carrier-Grade NAT (Stati Membri). Il-Kummissjoni Ewropea tqajjem il-kwistjoni tar-reġistru tan-numri tal-port tas-sors mal-Fornituri tal-Kontenut tal-Internet fil-Forum tal-UE dwar l-Internet. | Jittieħed kont tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport finali GENVAL dwar is-seba' ċiklu tal-evalwazzjoni reċiproka dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Għoti ta' inċentivi biex jintuża l-IPv6 fis-settur privat, pereżempju permezz tal-introduzzjoni possibbli ta' rekwiżiti fl-akkwisti pubbliċi | Stati Membri | Kummissjoni Ewropea | għaddejja | Il-progress għandu jiġi ssorveljat mill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill (HWP Cyber, COSI) | |
| L-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-Protokoll ta' Rispons f'Emerġenza għal rispons ikkoordinat fl-infurzar tal-liġi tal-UE għal ċiberinċidenti fuq skala kbira. | Europol | Stati Membri, Kummissjoni Ewropea, SEAE, Kunsill | bidu tal-2018 | Il-Protokoll għandu jiġi approvat u l-implimentazzjoni għandha tiġi ssorveljata minn COSI | |
| Għoti ta' proposta leġislattiva dwar il-faċilitazzjoni tal-aċċess transkonfinali għall-evidenza elettronika mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi | Kummissjoni Ewropea | Kunsill, Parlament Ewropew | bidu tal-2018 | Progress issorveljat minn CATS | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Preżentazzjoni ta' rapport ta' progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri prattiċi għat-titjib tal-aċċess transkonfinali għall-evidenza elettronika (inkluż kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-fornituri tas-servizz tas-settur privat) | Kummissjoni Ewropea | Stati Membri | Tmiem l-2017 | Progress issorveljat minn CATS | |
| Ħolqien ta' pjattaforma funzjonali b'mod sħiħ għall-Istati Membri sabiex jiskambjaw b'mod sigur formoli online u evidenza elettronika tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea | Kummissjoni Ewropea | Stati Membri | nofs l-2019 | Progress issorveljat minn CATS | |

| Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali għal ċiberspazju globali miftuħ, ħieles, paċifiku u sigur | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kontinwazzjoni tad-djalogu mas-sħab internazzjonali biex jiġi influwenzat appoġġ globali għal ċiberspazju miftuħ, ħieles, paċifiku u sigur | SEAE, Kunsill, Kummissjoni Ewropea. | Stati Membri | Nofs l-2019 | Progress issorveljat minn HWP Cyber | |
| L-iżvilupp ta' Netwerk għall-Bini taċ-Ċiberkapaċità tal-UE u ta' Linji Gwida għall-Bini taċ-Ċiberkapaċità tal-UE | SEAE, Kummissjoni Ewropea, b'appoġġ mill-Istati Membri | | | | Kooperazzjoni possibbli mal-GFCE |
| Żvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fit-taħriġ u l-edukazzjoni | SEAE, Kunsill, EDA | Stati Membri, | | | |
| Kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO dwar l-eżerċizzji dwar iċ-ċiberdifiża u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet | SEAE, Kunsill | Stati Membri, EDA, Kummissjoni Ewropea | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indirizzar tal-applikazzjonijiet kritiċi taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġiji ġodda fi skemi ta' kontroll tal-esportazzjoni internazzjonali rilevanti | Stati Membri, Kummissjoni Ewropea | | | | |
| Żvilupp u komunikazzjoni ta' pożizzjoni konsolidata tal-UE dwar id-diskussjonijiet tal-governanza tal-internet globali. | Kunsill, Kummissjoni Ewropea, SEAE | Stati Membri | 2018 u għadu għaddej | COSI għandu jiffaċilita l-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni tal-UE dwar sistema WHOIS konformi mal-GDPR, li ser tiżgura aċċess f'waqtu u rapidu għal informazzjoni ta' Reġistrazzjoni preċiża dwar l-ismijiet ta' dominji u s-sidien tal-indirizzi tal-IP (data WHOIS) għal skopijiet leġittimi inkluż l-infurzar tal-liġi, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u attivitajiet taċ-ċibersigurtà. | |